MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Numru 82/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**

**VS**

**ELTON MANUEL SALIBA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Elton Manuel Saliba ta’ 24 sena, bin John u Mary nee’ Azzopardi, imwieled tal-Pieta’ nhar is-7 ta’ Gunju, 1980, residenti fil-fond numru 18, Triq il-Velleran, Fgura, detentur tal-karta tal-identita’ numru 481 (M) ;

Akkuzat talli fil-Fgura u f’dawn il-Gzejjer, fis-26 ta’ Jannar, 2005, u matul dawn l-ahhar tnax-il xahar qabel din id-data:

Forna jew ipporkura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tal-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar tarlli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pusses ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Oridnanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car izda bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta' haddiehor, ikkaguna offiza fuq il-persuna tas-Surgent 1355 Cleon Pursehouse, li huwa ufficjal pubbliku, u dan billi saq il-vettura LCF 845 ghal fuqu u dan bi ksur tal-Arikolu 214 *et sequitur* tal-Kap 9 tal-Ligiiet ta' Malta;

U aktar talli ghamel offiza fuq persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna tal-istess ufficjal tal-pulizija u cioe' fuq is-Surgent 1355 Cleon Pursehouse;

U aktar talli saq il-vettura LCF 845 *Toyota* b'velocita' eccessiva u b'mod traskurat u negligenti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-verbal tal-lum;

Rat li l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif spjegati ahjar fl-istess verbal, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li l-imputat inghata zmien skond il-Ligi;

Semghet lill-Ufficjal tal-Agenzija Sedqa Josette Camilleri tirrapporta dwar l-andament tal-imputat fil-prezent;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-piena u jirremettu ruhhom fuq l-istess.

Rat l-Artikoli 4 u 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll id-disposizzjonijiet generali tal-istess Kapitolu, u l-Artikolu 214, 215 u 216, u 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tmintax-il xhar (18), kif ukoll tordna li l-istess imputat jitqieghed taht Ordni ta’ *Probation ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal terminu ta’ tlitt (3) snin.

*Inoltre* l-Qorti qieghda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva u lid-Direttur tas-Sezzjoni tal-YOURS fl-istess facilita’ li jipprovdu kull assistenza mehtiega lill-imputat sabiex jibda mill-iktar fis jaghmel program residenzjali ghall-kura mill-abbuz tad-droga, liema programm l-istess imputat wera x-xewqa li jibda u jtemm b’success.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation*, u lid-Direttur tas-Sezzjoni tal-YOURS tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------